MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1631/2000/1

**Henry u Doris konjugi Muscat**

**v.**

**Alfred u Mary konjugi Grech**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma propjetarji tal-fond *Casa Muscat*, Triq id-Dejma, Tarxien li jigi sovrappost fuq il-propjetà tal-konvenuti, *Redeemer*, Triq id-Dejma, Tarxien; illi l-konvenuti

akkwistaw il-fond *Redeemer*, Triq id-Dejma, Tarxien permezz tal-kuntratt pubbliku tal-5 ta' Dicembru 1980 (Dok A) redatt min-Nutar Dr George Cassar, li ssemmi (*sic*) li huma akkwistaw terran, sottopost ghal zewg mezzanini li maghhom ghandu in kom (*sic*) is-sistema tad-*drain* u drenagg u jircievi fil-bitha tieghu l-ilma tax-xita tal-bejt tal-mezzanin sovrapost; illi fl-1997 il-propjetajiet (*sic*) tat-terran bnew parti mill-bitha u ghamlu tarag li jaghti ghal fuq parti minn dan il-bini l-gdid; illi l-atturi informaw diversi sidien, propjetarji tat-terran illi l-uzu ta' dan il-bejt kien qed isir minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-atturi u b'hekk kienu qeghdin jirriservaw id-dritt li jitolbu t-tnehhija ta' tali tarag li jaghti access ghal fuq il-kamra; illi l-konvenuti, illum propjetarji tat-terrran imsemmi, applikaw lill-Awtorità ta' l-Ippjanar sabiex jinbena *domestic store/washroom at first floor level* (Dok. B), liema applikazzjoni ghandha n-numru PA 06519/99; illi dan il-bini se jilhaq il-livell tal-propjetà ta' l-atturi u b'hekk il-bini propost li jkollu hajt komuni mal-propjetà ta' l-atturi; illi dan il-bini fil-bitha interna u l-proposta ghall-bini fl-ewwel sular se johloq pregudizzju lill-atturi stante illi se jitnaqqas l-ispazju ta' l-arja tal-bitha interna li hija ghall-godiment ta' l-atturi wkoll u qed jigi kreat servitù minghajr l-ebda awtorizazzjoni; illi dan l-izvilupp propost fl-applikazzjoni tal-konvenuti se jippregudika l-atturi stante illi se jnehhi irrevo(k)abiliment il-possibbilità li kamra fil-mezzanin propjetà ta' l-atturi, li illum m'ghandhiex la tieqa u lanqas ventilazzjoni ghal barra, u li hemm applikazzjoni quddiem l-Awtorità ta' l-Ippjanar, ventilazzjoni skond il-ligi b'tieqa (*sic*); talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tinibixxi lill-konvenuti sabiex ma jibnux l-ewwel sular, kif propost fl-applikazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar PA 06519/99 jew kwalunkwe bini iehor; 2. tiddeciedi illi l-bini u t-tarag prezenti fil-bitha tal-fond *Redeemer*, Triq id-Dejma, Tarxien inbena kontra l-ligi; 3. tordna t-twaqqieh fiz-zmien perentorju tal-bini u t-tarag prezenti fil-bitha tal-fond *Redeemer*, Triq id-Dejma, Tarxien; bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2000 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Henry Muscat, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi biha eccepixxa:

1. Preliminarjament in linea procedurali l-insostenibilità ta' l-ewwel talba stante li mhijiex preceduta minn talba dikjaratorja dwar l-illegalità tal-bini li qed jipproponu l-eccipjenti;

2. Fil-mertu it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li

(a) kwantu ghall-bini fil-bitha u t-tarag imsemmi fic-citazzjoni, din hi propjetà ta' l-eccipjenti akkwistata bil-kuntratt tal-5 ta' Dicembru 1980 fl-atti tan-Nutar George Cassar u kwalsiasi azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili;

(b) fi kwalunkwe kaz mhux minnu illi l-bini u t-tarag imsemmi mill-atturi nbena kontra l-ligi;

(c) kwantu ghall-arja li ser tigi zviluppata fil-livell ta' l-ewwel sular, din l-arja tappartjeni wkoll lill-eccipjenti u kwalsiasi azzjoni hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili;

(d) fi kwalunkwe kaz l-izviluppar ta' din l-arja ma hu ser jikkreja l-ebda pregudizzju lill-atturi;

3. Illi minhabba d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1422 tal-Kodici Civili, hemm bzonn li l-awtur tal-konvenuti, Joseph Zahra, jigi kjamat fil-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Alfred Grech, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, 2003 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"Tilqa' l-ewwel u t-tielet paragrafi tat-tieni eccezzjoni ta' l-imharrkin, fis-sens li tiddikjara li l-azzjoni attrici ntilfet bl-gheluq ta' zmien ta' ghaxar snin skond l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili, kemm ghal dak li jirrigwarda t-talba ghat-

twaqqigh tal-benefikat li ttella' fil-bitha, u kif ukoll ghal dak li jirrigwarda t-twaqqif ta' titliegh ta' bini fuq l-arja tal-kamra ezistenti; u ghalhekk

Tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi b'din l-azzjoni, l-atturi qeghdin jitolbu li l-imharrkin jinzammu milli jwettqu bini gdid fl-ewwel sular li ghalih applikaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, u kif ukoll it-tnehhija ta' bini iehor u tarag li jaghti ghalih, imtella' mill-imharrkin fil-bitha tad-dar taghhom;

"Illi ghal din l-azzjoni l-imharrkin laqghu billi qalu li l-azzjoni attrici hija insostenibbli ghaliex ma saritx talba biex il-Qorti tiddikjara li l-bini li huma jridu jaghmlu huwa illegali. Laqghu ukoll billi qalu li lill-atturi ghalqilhom iz-zmien li jressqu t-talbiet li ressqu minhabba li l-ambjenti fejn sar il-bini li l-atturi jridu li jitnehha w fejn sejjer isir il-bini l-gdid ilu aktar minn ghaxar (10) snin f''dejhom bhala sidien, u li l-bini li sar u li huwa mahsub li jsir la jikser il-ligi u lanqas igib hsara lill-atturi. Fl-ahharnett, l-imharrkin laqghu billi talbu li jissejjah fil-kawza l-bniedem li minghandu xtraw il-gid taghhom;

"Illi din is-sentenza qeghda tinghata dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva mressqa mill-imharrkin;

"Illi, qabel ma jitqies is-siwi ta' l-imsemmija eccezzjoni ghall-kaz tal-lum, ikun xieraq li jissemmew <u>xi fatti li johorgu mill-atti tal-kawza</u>. L-imharrek xtara d-dar tieghu fl-1980 minghand Joseph Zahra. Zahra kien xtraha xi sena qabel minghand wiehed jismu Philip Cutajar li, min-naha tieghu, kien xtraha fl-1977 minghand l-attur. Id-dar ta' l-imharrek hija terran. L-attur bena l-post hu ghall-habta tal-1975 jew l-1976. L-attur jghix f'post li jigi fuq dak mixtri mill-imharrek u nbena minnu wkoll. Meta l-imharrek xtara l-post minghand Zahra, fil-bitha tal-post kien hemm kamra b'tarag li jitla' fuq is-saqaf taghha. Din il-kamra nbniet fiz-zmien li fil-post kien joqghod Philip Cutajar, u t-tarag li jitla' ghas-saqaf taghha ttella' wkoll fl-istess zmien bil-kuntentizza ta' l-attur. Fuq is-saqaf tal-kamra hemm

bhal gorbog f'genb minnu, filwaqt li l-bqija tas-saqaf huwa wzat minn mart l-imharrek ghall-inxir tal-hwejjeg. Matul iz-zmien li Zahra kien joqghod fil-post qabel l-imharrkin, ma sar l-ebda bini gdid, izda martu kienet ukoll titla' fuq is-saqaf tal-kcina biex tonxor. L-inxir fuq l-imsemmi saqaf tal-kamra kien isir minn zmien qabel dahlu jghixu fil-post Joseph Zahra u martu. Fl-1999, l-imharrek applika ma' l-awtorità ta' l-ippjanar biex jibni fuq l-arja ta' l-imsemmija kamra fil-bitha. Il-permess inhareg f'Mejju tal-2000, fuq pjanta approvata. Fit-3 t'Awissu, 2000, infethet il-kawza;

"Illi matul il-gbir tal-provi waqt is-smigh, Philip Cutajar imressaq mill-atturi xehed, fost l-ohrajn, li t-tarag ghas-saqaf tal-kamra ghamlu bil-permess ta' l-attur, li minghandu kien xtara l-post. Qal ukoll li, meta gie biex ibiegh il-post lil Zahra, wissieh li l-arja tal-kamra ma kienitx tieghu;

"Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva;

"Illi bl-eccezzjoni taghhom, l-imharrkin qeghdin jghidu li kemm il-kamra mibnija fil-bitha u kif ukoll l-arja ta' fuqha saru taghhom bil-moghdija taz-zmien, ghaliex ilha f'idejhom, bhala sidien, ghal aktar minn ghaxar snin. Huma qeghdin jistriehu fuq iz-zmien preskrittiv imsemmi fl-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili;

"Illi l-imsemmi Artikolu jipprovdi li persuna ssir sid ta' haga immobbli li hi tkun kisbet b'titolu li jghaddi l-proprjetà u li tkun zammet ghandha bhala sid, b'bona fidi u ghal zmien ta' mhux anqas minn ghaxar snin li jibdew jghaddu minn dak inhar li l-att li bih inholoq it-titolu jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Huwa mehtieg li l-bona fidi, flimkien mal-pussess, ittul ghaz-zmien kollu li huwa mehtieg ghall-preskrizzjoni, izda n-nuqqas ta' bona fidi ta' possessur precedenti m'hijiex ta' hsara ghas-successur tieghu, ghalkemm iz-zmien tal-pussess b'mala fidi ma jintghaddx maz-zmien mehtieg ghall-preskrizzjoni;

"Illi l-imharrkin jghidu li l-kuntratt li bih kisbu d-dar taghhom sar ghoxrin (20) sena qabel ma tressqet il-kawza tal-lum kontrihom. L-imsemmi kuntratt huwa att kapaci li jghaddi l-proprjetà u ma tressqet l-ebda prova jew xilja li l-kuntratt ma jghoddx. Ghall-kuntrarju, kienu l-atturi nfushom li ressqu ma' l-att tac-Citazzjoni kopja ta' dak il-kuntratt li bih l-imharrkin xtraw il-post minghand Joseph Zahra. La meta kisbu l-post minghand Zahra u lanqas f'xi zmien wara li dahlu fil-post qatt kien hemm xihadd, l-atturi maghduda, li qal lill-imharrkin li l-kamra fil-bitha u l-arja ta' fuqha ma kinux jaghmlu parti mill-gid li huma xtraw minghand Zahra;

"Illi l-bona fidi tikkonsisti fil-fehma shiha li persuna hija tassew, jew temmen li hija tassew, sid il-haga li ghandha f'idejha. Din il-fehma trid titqies minn kif ic-cirkostanzi kienu jidhru f'ghajnejn il-persuna li ssejjah favuriha l-preskrizzjoni akkwizittiva. Kull dubju jew nuqqas ta' certezza f'persuna dwar il-pussess taghha tal-haga jitqies bhala c-cahda tal-bona fidi, bhalma daqstant iehor jitqies nieqes mill-bona fidi min imissu ragjonevolment jintebah mic-cirkostanzi li l-haga li ghandu f'idejh hija ta' haddiehor. Min-naha l-ohra, il-bona fidi hija prezunta sakemm ma jintweriex mod iehor minn min jallega l-mala fidi;

"Illi element iehor mehtieg biex isejjes il-preskrizzjoni tal-ghaxar snin huwa l-pussess. Mhux kull pussess jghodd ghas-success ta' preskrizzjoni bhal din: irid ikun pussess li ma jaqtax, bil-miftuh, bla xkiel jew kundizzjonijiet minn haddiehor u, fuq kollox, irid ikun b'mod li l-pussessur jidher li qieghed izomm il-haga b'tieghu. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum, il-pussess tal-kamra fil-bitha u tas-saqaf taghha intwera li ilu jidher sa miz-zmien li l-post kien mizmum minn Philip Cutajar. L-uzu tas-saqaf ghall-inxir kienu jafu bih l-atturi, u wkoll girien ohrajn. Dan il-pussess la qatt twaqqaf u lanqas qatt gie ristrett;

"Illi l-imharrkin isemmu wkoll fatt marbut ma' dik il-parti ta' l-azzjoni attrici fejn jinghad li l-atturi ghandhom jedd izommu lill-imharrkin milli jghollu l-binja fil-bitha minhabba li jgawdu servitù fuq l-arja ta' l-istess bitha. Fis-sewwa jrid jinghad li l-atturi qeghdin jirreklamaw mhux biss kontra l-beni ta' l-imharrkin is-servitù li ma jghollux il-bini oghla

minn certu livell (*servitus altius non tollendi*), imma sahansitra li dak il-bini li digà ttella' fil-bitha jistghu jitolbu t-tnehhija tieghu x'hin u meta jridu. F'dan ir-rigward, l-imharrkin jirribattu, b'ragun, li l-kuntratt ta' l-akkwist taghhhom ma jsemmi li hemm l-ebda servitù li tghabbi l-gid minnhom miksub. Ghall-kuntraju, il-kuntratt jghid li, ghajr ghall-komunjoni tas-sistema ta' katusi tad-drenagg mal-post ta' l-atturi, u l-hlas ta' *canone* enfitewtiku kull sena, il-post kien qieghed jinkiseb mill-imharrek 'minn kull hag'ohra liberu u frank'. Lanqas ma ntwera mod iehor (per ezempju, b'xi att pubbliku iehor li gie insinwat kif imiss) li l-post ta' l-atturi kien igawdi xi servitù partikolari ohra fuq il-post ta' l-imharrkin. Naturalment, tqum il-mistoqsija allura kif, ladarba ma hemmx servitù kontra l-post taghhom, l-imharrkin jistghu iqanqlu u jsostnu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

"Illi t-twegiba ghal din il-mistoqsija hija li l-imharrkin qeghdin jinqdew <u>principalment</u> bil-preskrizzjoni decennali biex <u>iseddqu t-titolu taghhom</u> u mhux biex jichdu li l-atturi ghandhom servitù kontra gidhom. Imma wkoll kieku l-atturi kien sehhilhom b'xi mod jippruvaw li jgawdu xi servitù fuq il-gid ta' l-imharrkin, dawn ta' l-ahhar kien ikollhom fuq xiex isejsu eccezzjoni bhal din fuq il-bazi tan-nuqqas ta' uzu min-naha tas-sid dominanti. F'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet maghmulin mill-imharrkin fin-Nota ta' Osservazzjonijiet studjata taghhom huma tassew validi u ghal kollox ragunati;

"Illi ma' dawn l-argumenti, l-imharrkin jorbtu wkoll il-principju sancit fl-Artikolu 323 tal-Kodici Civili, li jtenni li min ghandu l-proprjetà ta' l-art jitqies li ghandu wkoll dik ta' l-arja ta' fuqha u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taht wicc l-art. Dan l-argument irid jitqies sewwa fid-dawl tac-cirkostanzi fejn proprjetà ta' sid tkun mibnija taht proprjetà li hija ta' sid iehor;

"Illi, min-naha taghhom, l-argumenti mressqin mill-atturi fin-nota taghhom jittantaw ixejnu l-elementi mehtiega biex issehh l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-imharrkin. Madanakollu, wara li fliethom sewwa, il-Qorti ma jidhrilhiex li sehhilhom ixellfu dak li l-imharrkin kienu

mehtiega jippruvaw u li fil-fatt ippruvaw. Fl-ewwel lok, l-atturi jsemmu l-fatt tat-tieqa li huma fethu li taghti fuq il-bitha tal-post ta' l-imharrkin. Dan il-fatt ma jfissirx li l-bitha m'hijiex ta' l-imharrkin, u lanqas li b'daqshekk l-imharrkin ma jistghux jghollu l-bini li digà ghandhom fil-bitha. L-imharrek xehed li, skond il-permessi approvati, il-kamra li huwa mahsub li tinbena fl-ewwel sular m'hijiex sejra teffettwa t-tieqa li fethu l-atturi. Fit-tieni lok, l-atturi jargumentaw li fl-ebda kuntratt ma jissemma li l-imharrkin (u l-awturi taghhom) xtraw xi kamra fil-bitha b'tarag li jaghti ghal fuqha. Dan l-argument, bir-rispett kollu ma jregix, ghaliex il-kuntratt li bih l-imharrkin kisbu l-gid taghhom jghid li l-post ghandu 'il-bitha <u>tieghu</u>' li trid tilqa' l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bjut tal-post ta' l-atturi. Jekk il-bitha hija tal-post mixtri mill-imharrkin, ma kienx hemm ghalfejn tissemma wkoll il-kamra li kienet digà mibnija fiha. Minbarra dan, l-imsemmija kamra u l-imsemmi tarag kienu hwejjeg li jidhru, u l-atturi (li joqghodu fil-post ta' fuq) ma jistghux jghidu li ma kinux jafu bihom. Dan il-fatt jimmilita hafna favur l-eccezzjoni mqanqla mill-imharrkin, li din il-Qorti qeghda tqis bhala misthoqqa u debitament pruvata kif mitlub mil-ligi";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
"… li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirreforma s-sentenza appellate [*sic*] billi tilqa' t-talbiet ta' l-appellanti u tichad l-eccezzjoniet";

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-atturi appellanti kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 93):
"… l-Onorabbli Qorti [*sic*] applikat hazin il-ligi fir-rigward il-preskrizzjoni ta' ghaxar snin li gew invokati milli [*sic*] l-konvenuti";

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell (fol. 94):
"… l-Ewwel Onorabbli [*sic*] bil-kemm hadet in kwistjoni [*sic*] bil-preskrizzjoni [*sic*] ta' tlettin sena kif kien qed jigi suggerit mill-appellant";

Ikkunsidrat:

Illi dak kollu illi issottomettew l-appellanti fir-rikors ta' appell in sostenn ta' l-ewwel (1) aggravju taghhom huwa s-segwenti (fol. 93-4):
"… l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-konvenuti kienu fil-pussess tal-bejt in kwistjoni in *bona fede*, izda gie pprovat illi l-avanti kawza [*sic*] taghhom kienu jafu li l-atturi kellhom dritt fuq l-arja in kwistjoni u kienu jonxru bi *mera tolleranza*. L-attur[i] ma kellhom l-ebda kontroll fuq negozjati bejn il-konvenuti u l-avanti kawza taghhom fuq il-bejgh tal-propjetà in kwistjoni. Kien l-obbligu ta' l-avante [*sic*] kawza biex javzaw il-konvenuti bl-arrangamenti. Fil-fatt l-konvenuti ma attentawx li jaghmlu xi bini fuq l-arja in kwistjoni sakemm ghadda l-perjodu ta' ghaxar snin";

Dina l-Qorti hija pjuttost perplessa bil-kontenut tas-silta appena citata mir-rikors ta' appell. Dana ghaliex mill-provi prodotti ma jirrizultax illi, ghal dak illi jirrigwarda l-fond tal-konvenuti meritu tal-kawza odjerna, jezistu xi aventi kawza - u mhux, kif jinghad fir-rikors ta' appell, "avanti kawza" jew "avante kawza" - tal-konvenuti. Infatti, mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-konvenuti iddisponew mill-ahhar imsemmi fond;

Huwa possibbli illi l-appellanti, minflok l-aventi kawza tal-konvenuti riedu jghidu l-awtur tal-konvenuti. Jekk dan huwa l-kaz, huwa wisq probabbli illi l-appellanti qed jirreferu ghax-xhud Joseph Zahra (fol. 42 sa 44) illi minghandu l-konvenuti akkwistaw il-fond taghhom in kwistjoni. Jekk dan huwa l-kaz, l-aggravju in ezami huwa manifestament infondat ghaliex, fil-kaz odjern, ghall-finijiet

tal-preskrizzjoni akkwizittiva ta' ghaxar (10) snin kontemplata mill-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili, kif tajjeb issottomettew il-konvenuti fir-risposta ta' appell taghhom (fol. 97), il-mala fidi ta' Joseph Zahra - jekk stess kienet tezisti - ma hijiex ta' ostakolu ghall-konvenuti (Artikolu 2142(1) tal-Kodici Civili). Huwa sinjifikattiv illi fir-rikors ta' appell l-atturi b'ebda mod ma huma qed jattakkaw il-bona fidi tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti tiddeplora l-mod legger ghall-ahhar illi bih gie abbozzat it-tieni (2) aggravju ta' l-appellanti. Infatti, wiehed irid necessarjament jintuwixxi dak illi jridu jghidu l-appellanti permezz ta' dan l-aggravju taghhom. Probabbilment dan l-aggravju irid jaqra hekk:
"Illi aggravju iehor huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti bil-kemm hadet in konsiderazzjoni l-preskrizzjoni ta' tletin sena kif kien qed jigi suggerit mill-appellanti";

Fir-realtà, fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti mhux "bil-kemm hadet in konsiderazzjoni l-preskrizzjoni ta' tletin sena" izda assolutament ma haditx din il-preskrizzjoni in konsiderazzjoni. B'daqshekk, però, ma jfissirx illi s-sentenza appellata hija monka jew ma timmeritax konferma. L-ewwel Qorti ma haditx il-preskrizzjoni trentennali in konsiderazzjoni ghaliex, la darba ikkonkludiet - korrettement - illi kienet applikabbli ghall-kaz illi kellha quddiemha il-preskrizzjoni decennali, ma kellhiex ghalfejn tmur *oltre*;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-appell interpost mill-atturi huwa wiehed ghal kollox frivolu u vessatorju u, konsegwentement, hemm lok ghall-applikazzjoni ta' dak illi jipprovdi l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti b'dan illi, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti sabiex ihallsu lill-konvenuti appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------